Kunsill Lokali Safi
40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru wieħed (1) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Erbgħa 22 ta' Jannar 2014, fil-5.00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi għandu ċertifikat li juri li x-xogħol li sar fl-imgħoddi fil-ġnien Dun Karm Vella ma sarx kif suppost [ref punt 3.3]. Talab illi jkun hemm qbil biex il-Kunsill jixtri 'miniature circuit breaker', kif ukoll kaxxa tal-aluminium [water-tight] u earth electrode. Il-Kunsill qabel li jinxtraw. Is-Sindku qal ukoll illi barra minn dawn l-akwisti, il-Kunsill ikollu jħalas il-'labour costs' biex ix-xogħol isir sew. Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa min kien għamel ix-xogħol. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ħaddiema tal-gvern għamlu x-xogħol, filwaqt illi l-Kunsill kien ħa ħsieb il-bibien biss. Qal ukoll illi huwa mperattiv illi jsir ix-xogħol peress illi hemm ħafna riskji jekk ma jsir xejn, u li wara ħa jkun hemm bzonn illi nieħdu ħsieb id-dawl tal-Playing Field ta' ħdejn il-grawnd.

3.2 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-ħofra (triq San Pawl) [ref punt 3.3] qagħda hemm sal-ġurnata tal-laqgħa. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm oħra f'triq iż-Żurrieq.

3.3 Il-kunsilliera ffirmaw il-Payment Approval Sheet li kella tiġi ffirmata fil-laqgħa preċedenti [ref punt nru. 4 tal-Aġenda].

3.4 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta li MEPA bagħtu l-approvazzjoni ta' proġett [ġnien ġi triq Ananija] avolja l-Kunsill qatt ma ra l-pjanti. Is-Sindku qal illi dawn il-pjanti kienu provduti lil kunsilliera fil-passat. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-pjanti li l-Kunsill kien irċieva.

3.5 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi kollox mar sew fl-attivita tad-19 ta' Jannar tar-roti. Qal biss illi l-pulizija m'għamlux xogħolhom sew għax karozzi xorta daħlu u qal illi l-pulizija telqu mall-ħin avolja kien hemm tfal għaddejin ir-roti dak il-ħin. Żied illi kien hemm żewġ tfal mir-raħal illi pparteċipaw fid-diathlon u nġabret somma ta €92.

3.6 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-Ħadd [26/01/2014] hemm attivita ta' Kunsill ieħor fir-range [ref punt 6.1], u se jmur biex jara kif se jorganizzaw l-attivita huma biex jieħu idejat għal meta ssir l-kompetizzjoni tar-raħal.

3.7 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-maratona ssir f'April jew Mejju jekk jirnexilna norganizzaw waħda fir-raħal [ref punt 6.2].

**4. Approvazzjoni tal-pagamenti**

4.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa dwar il-ħlas dovut lil Paul Farrugia. Is-Sindku qal illi dan kien l-electrician għal festa Milied Safi li qdiena fl-aħħar sekonda għaliex l-electrician li kellu jaħdem ma ġiex.

4.2 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa għal xiex huma l-€499 dovuti lejn il-Perit David Mifsud Parker. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawn huma għax-xogħol li sar għal proġett imsemmi f'punt 3.4.

4.3 Il-kunsilliera qablu mal-Payment Approval Sheet u ffirmaw l-Payment Aprroval Sheet tal-laqgħa preċedenti.

## 5. Korrespondenza

5.1 Memo 34/2013: Il-Kunsill irċieva, flimkien mal-Kunsill oħrajn, Memo fejn Kunsilli għandhom jaqblu bejniethom jekk jixtiequ jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tal-istreet lighting bħala Reġjun jew individwalment. Is-Sindku qal illi se jitkellem ma Sindki oħrajn illi kienu diġa staqsa għall-opinjoni tiegħu izda ma kienx jaf bil-Memo qabel il-laqgħa. Is-Sindku qal illi aħna kellna Kumitat Konġunt għal dawn ix-xogħolijiet.

5.2 L-għalliema tal-gymnastics għamlet talba biex tuza s-sala fid-9 ta' Frar biex turi l-ġenituri tat-tfal x'qegħdin jagħmlu waqt il-kors. Il-kunsilliera qablu li tuza s-sala dakinhar.

5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ kwotazzjoni li rċieva għal aerial shots tar-raħal għall-awdjovisual. Dan ammonta għal €550 [VAT exc.]. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi kien tkellem mal-kumpanija [kif ukoll m'oħra] u li l-persuna li qed jieħu ħsieb il-proġett diġa ħadem magħhom u kellu opinjonijiet posittivi fuq xogħolhom. Il-Viċi Sindku zied ukoll illi Wurth huma lesti jagħtu sponsor ta' €1000 għall-awdjovisual. Is-Sindku għamel rikwest biex il-logo tal-isponsor tidher fuq il-kaxxa tad-DVD u biex jirreklamaw fuq il-fuljett tal-Kunsill.

5.4 Il-Kunsill irċieva ittra ta' rringrazzjament mill-Multiple Sclerosis Society għall-għajnuna tal-Kunsill waqt l-attivita tad-19 ta' Jannar 2014.

5.5 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa dwar l-emajls tas-sur Oliver Farrugia [MTA]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan qed jgħid illi l-proġett tal-Ħlantun jaqa (fil-maġġoranza) taħt il-konfini ta' Żurrieq (avolja l-Kunsill ta' Ħal Safi ħa ħsieb ċerti xogħolijiet fl-area). Il-Kunsill oġġezzjona fuq dan il-punt. Skont il-pjanti tad-DLG parti mill-proġett taqa' fil-konfini tagħna.

5.6 Il-kunsillier Publius Abdilla għamel talba għal informazzjoni fuq emajl tas-sinjorina Maria Sammut. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għamlet ilment fuq il-ħofra ta' triq il-Kuċċard [sal-ġurnata tal-laqgħa x-xogħol meħtieġ sar].

**6. Proġett Ġnien 1979**

6.1 Is-Sindku qal illi l-proġett ġie approvat mill-MEPA u li l-Perit għandu jieħu ħsieb it-tender fil-ġranet illi ġejjin.

6.2 Is-Sindku kkonferma li ħa nuzaw il-fondi mill-UIF għall-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-BOQ's jammontaw għall-ammont ta' €21,300.

**7. Ħwejjeġ Oħra**

7.1 Il-kunsilliera ddiskutew is-sleeping policemen f'triq Ta' Ġawħar. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kellhom isiru CCTV fl-area waqt illi l-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-Kunsill kien qabel illi s-sleeping policeman terġa titwaħħal. Is-Sindku rrisponda li n-nies li jgħixu hemm għamlu talba biex ma nagħmluhomx lura f'posthom u li kienu qegħdin jagħtu fastidju lil min jgħix madwarhom.

Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi ħa nidhru koroħ jekk ma nagħmlu xejn u li ma jistax ikun illi nnaqsu mis-sigurta għax dawk illi jgħixu hemm ma jixtiequx li jkollhom sleeping policeman barra l-bieb tagħhom. Qal illi jekk nagħmlu dak illi jridu n-nies biss, mingħajr ma nikkonsidraw is-sigurta, il-Kunsill ma jistax jopera kif suppost. Qal ukoll illi jekk hemm persuna li ma jixtieqhomx, hemm għoxrin oħra li jippreferu li dawn jerġgħu jsiru f'posthom.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta li tneħħa l-parti l-oħra tal-isleeping policeman wara li kien hemm qbil illi ħa terġa titpoġġa f'posta f'laqgħa preċedenti. Qal ukoll illi s-sigurta għanda tingħata izjed importanza u fakkar illi fil-passat il-Kunsill ħa deċiżjonijiet li kienu kontra x-xewqat tar-residenti izda li kellhom isiru biex insaħħu s-sigurta.
Is-Sindku fakkar illi fil-Kunsill preċedenti kien għamel rikwest biex issir komunikazzjoni mar-residenti meta saru dawn is-sleeping policeman imma dan ma sarx. Qal ukoll illi ma jixtieqx jagħti fastidju lil min jgħix hemm u hemm min ilmenta li ma setgħux jorqdu bil-ħsejjes tal-karozzi għaddejin fuq dawn l-isleeping policemen. Qal ukoll illi jekk hemm bzonn il-kunsilliera li ma jaqblux mal-pożizzjoni tiegħu jistgħu jagħmlu mozzjoni. Fuq dan il-punt il-kunsillier Publius Abdilla qal illi peress illi dan ġie diskuss, u kien hemm qbil, bejn il-kunsilliera, m'hemmx għalfejn isir mozzjoni. Fakkar ukoll illi dan kollu beda għax persuna ħa l-liġi f'idejħ u neħħa nofs sleeping policeman. Il-kunsilliera Publius Abdilla u Pietru Pawl Busuttil esprimew il-ħsibijiet tagħhom illi dan l-individwu rebaħ peress illi ma reġgħux saru f'posthom, punt illi s-Sindku ma qabilx magħhom.

Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi n-nies għandhom jagħmlu petizzjoni, izda s-Sindku qal illi peress illi m'hemmx sleeping police issa din isir għal xejn. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi diġa għamlu waħda fil-passat.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi fl-opinjoni tiegħu għandha terġa titwaħħal f'postha bħal ma kienet qabel.

Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-ħaddiema kellhom jieħdu ħsieb li titwaħħal wara l-vaganzi tagħhom tal-Milied. Issa minflok inqalgħet il-parti l-oħra. Qal ukoll illi lmenti waslu fuq il-mejda tal-Kunsill meta kien hemm nofs sleeping policeman u mhux meta saru inizjalment [sħaħ]. Esprima l-ħsieb tiegħu li s-Sindku mhux qed iżomm mal-kelma tiegħu jekk dawn ma jerġgħux isiru.

Is-Sindku qal illi jekk il-maġġoranza tal-kunsilliera jixtiequ jagħmlu s-sleeping policemen, hu lest jerġa jagħmilhom. Hawn is-Sindku talab li jittieħed vot.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ma jixtieqx illi d-deċiżjoni ssir bil-vot imma qabel illi għanda ssir.

Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi x-xogħol għandha ssir. Fakkar ukoll illi l-kunsilliera Johan Mula u Carlo Stivala kienu qablu li terġa titwaħħal f'laqgħa preċedenti u qal illi d-diskors ma jistax jinbidel issa, u lmenta li hu u l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil biss kienu qegħdin jiddefendu deċiżjoni li ttieħdet f'laqgħa preċedenti.

Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi t-triq ġiet falza issa mingħajr is-sleeping policeman u li jekk ma terġax titwaħħal għandna niċaqalqu l-oħra li hemm quddiem il-pet shop. Qal ukoll illi jaqbel illi terġa titwaħħal.

Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi għandna nieħdu l-versjoni tan-nies, kif ukoll nisimgħu minn espert ta' Transport Malta biex ikollna 'backing' legali. Qal ukoll illi jekk dan isir jaqbel illi terġa titwaħħal.

Il-kunsillier Publius Abdilla lmenta li d-diskors inbidel minn ftit ġimgħat ilu. Qal ukoll illi l-ebda persuna [ta' TM] se jiġi jagħmel riċerka u qal illi deċiżjoni bħal din għanda tittieħed mill-Kunsill.

Is-Sindku qal illi peress illi 4 kunsilliera qablu se jikteb lil TM biex jagħtu l-permessi neċessarji.

7.2 Is-Sindku qal illi wara li tneħħew is-siġar ta' triq il-Ħajt Ruman bqajna mingħajr bankina. Il-Kunsill irċieva stima ta' €2300 biex isir bankina ġdida hemm imma ssuġġerixxa li nuzaw il-ħaddiema tal-IPSL. Qal illi sid tad-dar fejn għandu jsir ix-xogħol kien ilmenta li qed joħroġ id-dranaġġ hemmhekk u għalhekk jemmen illi għandna nieħdu ħsieb dan il-manutenzjoni wkoll biex nevitaw illi terġa tinqala x-xogħol tal-bankina izjed 'il quddiem.

7.3 Is-Sindku qal illi l-ATM l-ġdida għandha ssir fil-kantuniera tal-Playing Field ta' ħdejn il-grawnd. Qal illi l-Kunsill għandu jieħu ħsieb l-ispejjez tal-binja. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-art hija tal-Gvern u jkollna bżonn permess l-ewwel.

7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna l-ħlas lura għal kors tal-Piroteknika li ma tkomplietx. Il-Kunsill kien ħallas €6800 fis-sena 2012 u issa ħadna €4200 lura, għax kien sar parti minnu.

7.5 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi t-tabella f'triq San Ġwann ma tpoġġietx lura. Is-Sindku qal illi x-xogħol se jsir fil-ġimgħa ta' wara l-laqgħa.

7.6 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-arblu tar-roundabout tal-Karwija għanda bzonn tiġi nforżat permess tal-kavili.

7.7 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa dwar iz-zebra crossing fit-triq Carmelo Caruana, għax kienet bla dawl. Is-Sindku qal illi rranġawha ftit siegħat qabel il-laqgħa u suppost diġa tixgħel.

7.8 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa fuq l-istat tal-funtana fil-Playing Field. Is-Sindku qal illi għandha kollox taħdem imma ma jafx jekk il-funtana jew il kaxxa qegħda titlef l-ilma. Fakkar illi xogħol ta' manutenzjoni sar ħafna drabi imma l-problemi qegħdin jippersistu.

7.9 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi garaxx fi triq il-Kuċċard qed tereq bl-ilma. Is-Sindku qal illi jaf biha u li se jieħu ħsieb li jagħmel bankina f'dik il-parti u semma diversi bankini li jridu isiru minħabba l-ilma. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru.

7.10 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm pittur Ingliz illi jgħix fir-raħal u li jixtieq jagħmel wirja tax-xogħol tiegħu waqt Jum Ħal Safi. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jekk dan se jbiegħ waqt l-attivita għandna nieħdu xi forma ta' kumpens. Is-Sindku qal illi jista jagħmel wirja fis-sala izda sas-Sibt għandu jzarma kollox peress illi l-Ħadd ikollna nuzaw is-Sala. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni fuq din it-talba.

7.11 Il-Viċi Sindku Johan Mula esprima l-ħsieb illi s-serata mużika-letterarja isir fil-pjazza quddiem il-kappella ta' Santa Marija f'Ġunju. Għamel talba biex nagħlqu t-triq għal siegħa u nofs għax il-ħsejjes tal-karozzi jtellef is-sound. Kien hemm qbil illi t-triq tingħalaq. Il-Viċi Sindku qal ukoll illi hemm min se jkun qed ipitter waqt is-serata.

**8. Laqgħa li jmiss**

8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

8.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fit- 12 ta’ Frar 2014 fl- 4pm wara li qablu bejniethom il-kunsilliera.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |